# KAPITOLU 204

## ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA

*Biex jipprovdi għat-twaqqif ta' Bank Ċentrali ta' Malta u biex jiġu stabbiliti l-funzjonijiet u s-setgħat tiegħu; u biex jipprovdi għall-ħwejjeġ anċillari jew inċidentali għalihom.*

17 ta' April, 1968
7 ta' Ġunju, 1968
1 ta' Jannar, 2000

*L-ATT XXXI ta' l-1967, kif emendat bl-Atti X u XXIX ta' l-1968, XVII u XX ta' l-1971, XXIV ta' l-1972, XIX u LVIII ta' l-1974; bl-Avviż Legali 148 ta' l-1975; u bl-Atti: XX ta' l-1981 , XIII ta' l-1983, XXXVIII ta' l-1986, XI ta' l-1988, XIV u XXVI ta' l-1994, XXIV ta' l-1995, IX u XVI ta' l-1997, XVII ta' l-2002, III ta' l-2004, IX ta' l-2005, u I u IV ta' l-2007.*

TAQSIM TA' L-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Taqsima I | Preliminari | 1 - 2 |
| Taqsima II | Twaqqif u Tmexxija tax-Xogħol ta' Bank | 3 - 18 |
| Taqsima III | Disposizzjonijiet Finanzjarji | 19 - 22 |
| Taqsima IV | Ġbir ta' Informazzjoni | 23 - 24 |
| Taqsima V | Relazzjonijiet mal-Gvern | 25 - 29 |
| Taqsima VI | Relazzjonijiet ma' Istituzzjonijiet ta' Kreditu u dawk Finanzjarji | 30 - 33 |
| Taqsima VII | Sistemi ta' Pagament | 34 - 35 |
| Taqsima VIII | Relazzjonijiet ma' l-Awtorità Kompetenti | 36 - 38 |
| Taqsima IX | Relazzjonijiet ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali u oħrajn | 39 - 41 |
| Taqsima X | Flus | 42 - 55 |
| Taqsima XI | Ġenerali | 56 - 61 |
| Taqsima XII | Disposizzjonijiet Transizzjonali dwar il-Lira Maltija | 62 - 63 |

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

Tifsir.
*Emendat:*
*XX. 1981.2;*
*XI. 1988.2;*
*XXVI. 1994.3;*
*XVII. 2002.66;*
*III. 2004.88;*
*I. 2007.6.*

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"attivi ta' riserva" għandha tinkludi:

(*a*) attivi f'kambju barrani li jikkonsisti fi flus, depożiti u titoli f'munita li mhix l-euro, u

(*b*) deheb monetarju, *Special Drawing Rights* (SDRs) u posizzjoni ta' riserva fil-Fond Monetarju Internazzjonali;

"awtorità kompetenti" tfisser dik l-awtorità jew dawk l-awtoritajiet, skond il-każ, nominati biex jirregolaw il-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji jew istituzzjonijiet ta' servizzi finanzjarji taħt liġi minn dawk murija fl-Iskeda;

Kap. 371.

"bank" jew "istituzzjoni ta' kreditu" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u tinkludi kull fergħa, aġenzija jew uffiċċju f'Malta ta' bank jew istituzzjoni ta' kreditu mhux inkorporata f'Malta;

"bank" tfisser kull persuna li tmexxi kummerċ bankarju u tinkludi kull fergħa, aġenzija jew uffiċju f'Malta ta' bank mhux inkorporat f'Malta;

"Bank Ċentrali Ewropew" tfisser il-bank mwaqqaf skond l-Artikolu 8 tat-Trattat;

"Bord" tfisser il-Bord tad-Diretturi tal-Bank imwaqqaf bl-artikolu 7;

"direttiva" tfisser direttiva maħruġa mill-Bank taħt dan l-Att;

"direttur", relattivament għall-Bank, tinkludi l-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur;

"Gvernatur" u "Deputat Gvernatur" ifissru rispettivament il-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur tal-Bank nominati skond l-artikolu 8;

Kap. 376.

"istituzzjoni finanzjarja" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u tinkludi kull fergħa f'Malta ta' istituzzjoni mhux inkorporata f'Malta;

Kap. 460.

"il-Komunitajiet" tfisser il-Komunità Ewropea kif imfissra fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

Cap. 371.

"kummerċ bankarju" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"Statut" tfisser il-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat;

"it-Trattat" tfisser it-Trattat li jwaqqaf il-Kommunità Ewropea magħmul f'Ruma fil-25 ta' Marzu 1957 u kif sussegwentement emendat.

Kap. 460.

## TAQSIMA II

### TWAQQIF U TMEXXIJA TAX-XOGHOL TA' BANK

Twaqqif ta' Bank. *Emendat: I. 2007.7.*

**3.** (1) Għandu jkun hemm Bank li jissejjaħ il-Bank Ċentrali ta' Malta. Il-Bank ikun jagħmel parti integrali mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali kif imwaqqfa taħt it-Trattat u għandu jipparteċipa billi jwettaq kull ħidma u jkun konformi ma' l-oġġettivi lilu mogħtija bit-Trattat u bl-Istatut u għandu jassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha konsegwenzjali għal dak l-istatus.

(2) Il-Bank ikun enti morali li jkollu personalità legali distinta u jkun jista', bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jagħmel kuntratti, jakkwista, iżomm u jiddisponi minn kull proprjetà għall-iskop tal-funzjonijiet tiegħu, jħarrek u jiġi mħarrek, u jagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha u t-transazzjonijiet kollha li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew qadi tal-funzjonijiet tiegħu skond dan l-Att.

Oġġettivi. *Emendat: XXVI. 1994.4. Sostitwit: XVII. 2002.67. Emendat: I. 2007.8.*

**4.** Skond it-Trattat u l-Istatut, l-oġġettiv prinċipali tal-Bank huwa li jżomm stabbilità fil-prezz. Mingħajr preġudizzju għall-oġġettiv prinċipali tiegħu, il-Bank għandu jagħti appoġġ lil-linji politiċi ekonomiċi ġenerali fil-Komunitajiet bil-ħsieb li jgħin biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Komunitajiet kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-Trattat u għandu jaġixxi skond il-prinċipji indikati fl-Artikolu 4 tat-Trattat.

Hidma tal-Bank. *Miżjud: I. 2007.9.*

**5.** (1) Skond it-Trattat u l-Istatut, il-ħidma tal-Bank għandha tinkludi dan li ġej:

(*a*) li jimplimenta l-*policy* monetarja;

(*b*) li jżomm u jamministra attivi ta' riserva;

(*ċ*) li jiżgura l-istabbilità tas-sistema finanzjarja;

(*d*) li jippromovi sistema ta' pagament b'saħħitha u effiċjenti;

(*e*) li jipprovdi għaċ-ċirkolazzjoni ta' karti tal-flus euro;

(*f*) li jipprovdi għaċ-ċirkolazzjoni ta' muniti euro maħruġin għal u għan-nom tal-Gvern;

(*g*) li jagħti parir lill-Gvern b'mod ġenerali fuq ħwejjeġ finanzjarji u ekonomiċi;

(*h*) li jiġbor u jippubblika statistika li tista' tkun meħtieġa biex iwettaq ħidmietu.

(2) Skond it-Trattat u l-Istatut, la l-Bank lanqas ebda membru tal-Bord jew ebda uffiċjal tal-Bank, filwaqt li jkun qiegħed jeżerċita xi funzjoni, dmir jew setgħa taħt dan l-Att, m'għandu

jitlob jew jieħu istruzzjonijiet mingħand il-Gvern jew mingħand xi korp ieħor.

(3) Il-Bank jista' joħroġ, jemenda jew jirrevoka direttivi li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jingħata effett lil xi disposizzjoni ta' dan l-Att.

Uffiċċju prinċipali ta' Bank.
*Emendat: XI. 1988.3. Sostitwit: XVII. 2002.68. Emendat: I. 2007.3.*

**6.** Il-Bank għandu jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f'Malta; jista' jiftaħ uffiċċji barra minn Malta u jista' jaħtar aġenti u korrispondenti.

Bord ta' diretturi.
*Emendat: XVII. 2002.69. IX. 2005.2; I. 2007.10.*

**7.** (1) Għandu jkun hemm Bord ta' Diretturi li jkun responsabbli għall-politika u għall-amministrazzjoni ġenerali ta' l-affarijiet u tan-negozju tal-Bank, ħlief dwar il-funzjonijiet imposti, u l-eżerċizzju ta' poteri mogħtija, lill-Bank taħt it-Trattat jew l-Istatut.

(2) Il-membri tal-Bord għandhom ikunu l-Gvernatur, id-Deputat Gvernatur u t-tliet diretturi l-oħra nominati taħt l-artikolu 9.

Gvernatur u Deputat Gvernatur.
*Emendat: XIX. 1974.2; LVIII. 1974.68; XIII. 1983.2; XI. 1988.4; XXVI. 1994.6; XVII. 2002.70; I. 2007.11.*

**8.** (1) Il-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur ikunu persuni ta' pożizzjoni u esperjenza magħrufa f'materji ekonomiċi jew bankarji u kull wieħed minnhom għandu jiġi nominat mill-President ta' Malta, li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru. Huma għandhom jiġu nominati għal perjodu ta' ħames snin, iżda jkunu jistgħu jerġgħu jiġu nominati. Għandhom jirċievu dak il-kumpens kif ikun muri fl-ittra tan-nomina rispettiva tagħhom.

(2) (*a*) Il-Gvernatur għandu r-responsabbiltà unika għall-qadi tal-funzjonijiet imposti, u l-poteri mogħtija, lill-Bank taħt it-Trattat u l-Istatut.

(*b*) Mingħajr ħsara għall-paragrafu (*a*), il-Gvernatur ikun inkarigat mid-direzzjoni u mill-operazzjonijiet ta' kuljum tal-Bank skond il-politika tal-Bord u jkun responsabbli lejn il-Bord għal atti u deċiżjonijiet tiegħu f'dan l-aspett. Ir-rappreżentanza tal-Bank fi proċeduri ġudizzjarji tkun fil-Gvernatur.

(3) Id-Deputat Gvernatur għandu jaqdi dawk id-dmirijiet kif il-Gvernatur jista' jordna u, fil-każ ta' assenza tal-Gvernatur, jew fil-każ ta' vakanza fil-kariga tiegħu, id-Deputat Gvernatur għandu jaqdi d-dmirijiet tal-Gvernatur u jkollu u jkun jista' jeżerċita s-setgħat u jaqdi l-funzjonijiet tal-Gvernatur.

(4) Il-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur għandhom jagħtu l-ħin professjonali tagħhom kollu għas-servizz tal-Bank u waqt li jkollhom dik il-kariga ma għandhom jokkupaw ebda kariga jew impieg ieħor sew jekk b'kumpens sew jekk le:

Iżda jistgħu jinħatru fil-kariga tagħhom ta' Gvernatur jew Deputat Gvernatur, skond il-każ, joqgħodu fuq xi bord, kummissjoni jew kumitat, ikun x'ikun l-isem, sew f'Malta jew barra minn Malta u iżda wkoll li dik l-attività ma tkunx fil-fehma

tal-Bord ta' konflitt mal-qadi tad-dmirijiet tagħhom taħt dan l-Att.

(5) Il-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur jistgħu jitneħħew mill-kariga tagħhom biss jekk ma jibqgħux kapaċi li jaqdu d-dmirijiet tagħhom jew jekk ikunu ħatja ta' mġieba ħażina serja.

(6) Il-Gvernatur jista' jkun mitlub mill-Kamra tad-Deputati li jirrapporta fuq it-tmexxija tal-Bank quddiem kumitat tal-Kamra tad-Deputati maħtur għal daqshekk u sabiex jipprovdi lil dak il-kumitat b'kull informazzjoni li titqies li tkun meħtieġa:

Iżda l-Gvernatur ma jistax ikun hekk mitlub iktar spiss minn darba kull sitt xhur.

Diretturi barra mill-Gvernatur u mid-Deputat Gvernatur.
*Emendat: XIX. 1974.3; XVII. 2002.71. Sostitwit: I. 2007.12.*

**9.** (1) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kelma direttur għandha teskludi l-Gvernatur u d-Deputat Gvernatur.

(2) Id-diretturi tal-Bank għandhom -

(*a*) jiġu nominati mill-Prim Ministru;

(*b*) ikunu persuni ta pożizzjoni magħrufa u esperjenza professjonali f'affarijiet ekonomiċi, finanzjarji jew bankarji;

(*ċ*) jibqgħu fil-kariga għall-perijodu ta' ħames snin u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif jista' jiġi muri fl-ittra tan-nomina rispettiva tagħhom, u jkunu jistgħu jerġgħu jiġu nominati;

(*d*) ikunu intitolati għal dak l-onorarju kif il-Prim Ministru jista' jistabbilixxi.

(3) Ħadd ma għandu jiġi nominat jew jibqa' direttur jekk -

(*a*) ikun membru tal-Kamra tad-Deputati;

(*b*) ikun direttur jew funzjonarju salarjat f'istituzzjoni liċenzjata biex tipprovdi servizzi finanzjarji jew bankarji jew azzjonista fl-istess istituzzjoni għal aktar minn wieħed fil-mija tal-kapital azzjonarju ordinarju mħallas;

(*ċ*) ikun uffiċjal fis-servizz pubbliku;

(*d*) skond il-liġi ta' xi pajjiż ikun dikjarat fallut b'sentenza jew ikun għamel akkordju mal-kredituri tiegħu jew ikun inabilitat skond il-liġi jew ikun ġie misjub ħati ta' delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' qerq jew talli xjentement ikun irċieva proprjetà miksuba b'serq jew b'qerq;

(*e*) ikollu xi pożizzjoni oħra, jew xort'oħra jkun f'pożizzjoni, li tkun f'konflitt mad-dmirijiet tiegħu bħala direttur taħt dan l-Att.

(4) Direttur jista' jinħeles mill-kariga abbażi ta' inkapaċità li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, jew minħabba f'imġieba ħażina; u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, nuqqas ta' attendenza kostanti u mhux ġustifikat għal-laqgħat tal-Bord jista' jitqies bħala li jikkostitwixxi mġieba ħażina.

Żvelar ta' interess.
*Emendat:*
*XVII. 2002.72.*

**10.** (1) Direttur li jkun direttament jew indirettament interessat, ħlief bħala direttur jew flimkien ma' diretturi oħra, f'kuntratt magħmul jew maħsub li jsir mill-Bank għandu jiddikjara x-xorta ta' l-interess tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-Bord li fiha jkun preżenti wara li jsir jaf bil-fatti rilevanti.

(2) Kull dikjarazzjoni magħmula skond is-subartikolu ta' qabel dan għandha tiġi reġistrata fil-minuti tal-Bord u, wara d-dikjarazzjoni, dak id-direttur għandu jirtira mill-laqgħa waqt li l-Bord jiddiskuti jew jiddeċiedi dwar dak il-kuntratt.

(3) Ebda direttur ma għandu jirċievi konċessjoni ta' kreditu mill-Bank waqt il-perijodu tal-kariga tiegħu.

Skwalifika, riżenja u mili ta' vakanzi.
*Emendat:*
*XIX. 1974.4;*
*XXVI. 1994.7;*
*XVII. 2002.73;*
*I. 2007.13.*

**11.** (1) Direttur jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu billi jagħti avviż bil-miktub lill-Prim Ministru ta' mill-anqas tliet xhur dwar il-ħsieb tiegħu.

(2) Jekk direttur imut, jew jirriżenja jew xort'oħra jivvaka l-kariga tiegħu qabel l-iskadenza tal-perijodu li għalih ikun ġie nominat, għandha tiġi nominata persuna oħra minfloku skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 8 jew 9, skond il-każ.

Proċedura u *quorum* tal-Bord.
*Emendat:*
*I. 2007.14.*

**12.** (1) Il-laqgħat tal-Bord għandhom isiru hekk spiss kemm jista' jkun hemm bżonn iżda bi frekwenza ta' mhux anqas minn għaxar darbiet fis-sena, u ma għandux ikun hemm intervall ta' aktar minn xahrejn bejn laqgħa tal-Bord u l-laqgħa ta' wara.

(2) Il-laqgħat tal-Bord għandhom jiġu msejħa mill-Gvernatur jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' tnejn mid-diretturi l-oħra.

(3) Il-Gvernatur għandu jippresjedi bħala *chairman* fil-laqgħat tal-Bord u, fl-assenza tiegħu minn xi laqgħa, għandu jippresjedi d-Deputat Gvernatur; u ebda deċiżjoni li tittieħed f'laqgħa tal-Bord ma tkun valida jekk fiha ma jkun hemm la l-Gvernatur u l-anqas id-Deputat Gvernatur.

(4) Tliet membri tal-Bord, fejn wieħed minnhom ikun jew il-Gvernatur jew id-Deputat Gvernatur, għandhom jiffurmaw *quorum* ta' laqgħa.

(5) Ebda att jew proċedura tal-Bord ma tkun invalida minħabba biss l-eżistenza ta' vakanza jew vakanzi fost id-diretturi.

(6) Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-voti tad-diretturi preżenti u li jivvotaw. Iċ-*chairman* ikollu vot inizjali u, fil-każ ta' voti ndaqs, ikollu u jeżerċita vot deċiżiv.

(7) L-atti kollha magħmula minn xi persuna li taġixxi *in bona fede* bħala direttur ikunu validi bħallikieku kienet direttur għalkemm wara jinsab li kien hemm xi difett fin-nomina jew fil-kwalifika tagħha. Ma tistax titqajjem kwistjoni dwar ebda att jew proċedura tal-Bord minħabba l-ksur minn direttur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 10(1).

(8) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Bord jista' jirregola l-proċedura tiegħu.

**13.** Il-Bord għandu jwaqqaf Kumitat ta' Awditjar, li jkun jippresjedi fih xi wieħed mid-diretturi li la jkun il-Gvernatur lanqas id-Deputat Gvernatur, għall-finijiet li jiġi mgħejjun fit-twettiq tar-responsabbilitajiet tiegħu ta' sorveljanza, partikolarment dwar ħwejjeġ relatati mal-proċess ta' awditjar intern u estern, mas-sistema ta' maniġġar ta' riskju u kontroll intern u mal-proċess ta' rappurtar finanzjarju.

Kumitat ta' Awditjar. *Miżjud: I. 2007.15.*

**14.** In-nomina ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Bank għandha ssir mill-Bord u b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif jista' jiġi stabbilit mill-Bord.

Nomina tal-persunal. *Emendat: I. 2007.3.*

**15.** (1) Il-Bank, diretturi, funzjonarji jew impjegati tiegħu, u kull persuna oħra appuntata biex teżerċita xi funzjoni taħt dan l-Att, jew taħt xi regoli jew regolamenti magħmula taħtu, ma jkunux responsabbli għad-danni dwar dak li jsir jew jonqos milli jsir fl-eżekuzzjoni jew eżekuzzjoni maħsuba ta' xi funzjoni taħt dan l-Att, jew xi regoli jew regolamenti kif imsemmi aktar 'l fuq, kemm il-darba dak li jsir jew jonqos li jsir jintwera bħala li jkun sar jew naqas li jsir, skond il-każ, *in male fede.*

Eżenżjoni mir-responsabbilità għad-danni. *Miżjud: XXVI. 1994.8. Emendat: XVII. 2002.74; I. 2007.3.*

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw ukoll għall-Bank u għal kull direttur, funzjonarju jew impjegat tiegħu u għal kull persuna oħra maħtura mill-Bank, fil-qadi jew fil-qadi maħsub ta' xi funzjoni mogħtija lill-Bank jew lil xi direttur, funzjonarju, impjegat jew persuna oħra taħt xi liġi oħra.

**16.** Ebda salarju, dritt, paga, *allowance* jew kumpens ieħor imħallas mill-Bank ma għandu jiġi kalkolat b'riferenza għall-profitti netti jew profitti oħra tal-Bank.

Kumpens, eċċ. *Emendat: I. 2007.3.*

**17.** (1) Skond it-Trattat u l-Istatut, sabiex jilħaq l-oġġettivi tiegħu u jaqdi l-funzjonijiet tiegħu, il-ħidmiet tal-Bank għandhom jinkludu dan li ġej:

Xogħol prinċipali u setgħat tal-Bank. *Emendat: XXIX. 1968.2; XIX. 1974.5; XX. 1981.3; XIII. 1983.3; XXXVIII. 1986.2; XI. 1988.5; XXVI. 1994.9; IX. 1997.4. Sostitwit: XVII. 2002.75. Emendat: III. 2004.89; I. 2007.3, 16.*

(*a*) li jiftaħ kontijiet u jaċċetta u jagħmel depożiti kif provdut f'dan l-Att, u, f'każijiet speċjali, bl-approvazzjoni minn qabel tal-Bord, li jiftaħ kontijiet għal u jaċċetta depożiti minn persuni oħra;

(*b*) li jżomm kontijiet ma' banek ċentrali jew istituzzjonijiet ta' kreditu u aġenti oħra, jaċċetta mingħand, u jiddepożita ma' kull istituzzjoni ta' kreditu jew aġent bħal dawk, u jaġixxi ta' korrispondent, bankier jew aġent għal xi bank ċentrali jew istituzzjoni ta' kreditu oħra jew awtorità monetarja oħra u għal kull istituzzjoni finanzjarja internazzjonali mwaqqfa taħt trattati internazzjonali;

(*ċ*) li jissottoskrivi għal, jixtri, ibiegħ, jiskonta jew jiskonta mill-ġdid ekwità, dejn jew strumenti finanzjarji oħra kif jista' jiġi approvat mill-Bord, kemm-il darba kull interessi b'ekwità f'xi intrapriża jew proprjetà immobbli li l-Bank jista' b'xi mod jakkwista biex jitħallsu djun dovuti lilu, il-Bank għandu jiddisponi minnhom malli dan ikun possibbli;

(*d*) li joħroġ, jixtri, ibiegħ, jiskonta jew jiskonta mill-ġdid strumenti finanzjarji f'isem il-Bank f'dik il-forma u

għal dawk it-termini ta’ żmien u żmien ta’ maturità kif jista’ jiġi approvat mill-Bord;

(*e*) li jagħti lil xi istituzzjoni ta’ kreditu jew finanzjarja f’Malta self u avvanzi skond garanzija adegwata;

(*f*) li jagħmel kull ftehim kuntrattwali għal *repurchase* u *reverse repurchase*; u

(*g*) meta jidhirlu li azzjoni bħal dik tkun meħtieġa biex iħares l-istabbilità finanzjarja jew f’ċirkostanzi eċċezzjonali oħra, li jagħti self jew avvanz lil xi istituzzjoni ta’ kreditu inkorporata f’Malta skond dawk il-forom ta’ garanzija kif il-Bord jidhirlu adatti.

(2) Fl-amministrazzjoni u żamma ta’ attivi ta’ riżerva, il-Bank jista’, skond il-linji direttivi u l-istruzzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew, jagħmel kull operazzjoni li jidhirlu addatta, u b’mod partikolari jista’:

(*a*) iżomm, jamministra, jakkwista u jbiegħ, jagħmel operazzjonijiet *spot* u *forward* fuq, kull xorta ta’ assi esterni u metalli prezzjużi; u

(*b*) iwettaq kull xorta ta’ operazzjoni finanzjarja ma’ istituzzjonjiet lokali jew barranin jew ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi operazzjonijiet li jissellef jew jislef.

(3) Il-Bank jista’ jimpjega l-fondi tal-persunal tiegħu u tal-pensjoni u fondi oħra interni tal-Bank fi strumenti finanzjarji approvati mill-Bord.

(4) Il-Bank jista’ jixtri, jakkwista jew jikri proprjetà immobbli sa fejn il-Bank jista’ jqis meħtieġ jew spedjenti għall-provdiment, jew provdiment futur, ta’ postijiet għat-tmexxija tan-negozju tiegħu jew ta’ ħtiġiet oħra simili inċidentali għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(5) Bla ħsara għal kull disposizzjoni oħra ta’ dan l-Att, il-Bank jista’ b’mod ġenerali jinnegozja bħala bank, u jagħmel il-ħwejjeġ kollha li huma inċidentali jew konsegwenzjali għall-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu jew għall-qadi ta’ dmirijietu taħt dan l-Att.

(6) (*a*) Il-Bank għandu fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala Bank Ċentrali taħt dan l-Att igawdi privileġġ speċjali fuq il-fondi kollha miżmuma fil-kontijiet tal-Bank kif ukoll kull titolu, metalli prezzjużi jew xi assi oħra li jkunu proprjetà tad-debituri tagħhom u depożitati miegħu kif ukoll fuq kull fond jew assi oħra mirhuna favur tiegħu mid-debituri tiegħu jew minn terzi biex jiggarantixxu l-obbligi tad-debituri tiegħu.

(*b*) Il-privileġġ speċjali mogħti b’dan is-subartikolu għandu jiġi qabel kull privileġġ ieħor taħt xi ligi oħra u minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull liġi oħra l-fondi u assi oħra suġġetti għal dak il-privileġġ għandhom ikunu applikati biex jissodisfaw id-dejn dovut lill-Bank qabel kull pretensjoni oħra.

(*ċ*) Il-Bank jista’, wara li tkun saret in-notifika minn qabel

lid-debitur, japplika kull fond jew assi bħal dawk għas-sodisfazzjoni tad-djun dovuti lilu mingħajr il-ħtieġa ta' xi awtorizzazzjoni jew sanzjoni oħra minn xi qorti jew awtorità oħra, u jista' wkoll, għal dak l-għan, jiddisponi minn l-assi kollha bħal dawk li jkunu miżmuma minn jew mirhuna favur tiegħu u japplika d-dħul minn dak id-disponiment direttament biex jissodisfa l-pretensjonijiet tiegħu.

(7) Id-drittijiet tal-Bank ta' xi titolu kollaterali li jiġi provdut lilu minn xi debitur jew kontroparti oħra ma għandhomx jiġu milquta bil-proċedimenti ta' insolvenza kontra dak id-debitur jew kontroparti, u dak it-titolu kollaterali jista' jiġi realizzat mill-Bank biex jissodisfa d-drittijiet tiegħu.

*Policy* Monertarja. *Miżjud: XVII. 2002.77. Emendat: I. 2007.3, 17.*

**18.** (1) L-unika awtorità u responsabbilità fil-Bank biex tieħu deċiżjonijiet u biex taqdi kull funzjoni jew dmir jew biex teżerċita xi setgħa dwar *policy* monetarja għandha tkun vestita fil-Gvernatur li, meta jkun qed jaqdi dik il-funzjoni, għandu jaġixxi skond is-setgħat u d-dmirijiet mogħtija lilu bit-Trattat u bl-Istatut.

(2) Il-Gvernatur jista' jwaqqaf Kumitat Konsultattiv dwar *Policy* Monetarja biex jagħtih parir fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' *policy* monetarja. Il-Kumitat għandu jkun kostitwit minn dak l-għadd ta' persuni li l-Gvernatur jista' jiddeċiedi dwaru u jista' wkoll jinkludi individwi kwalifikati u li jkollhom esperjenza adatta u li ma jkunux jaħdmu fil-Bank u li l-Gvernatur ikun sodisfatt li jkollhom konoxxenza jew esperjenza li x'aktarx tkun rilevanti għall-funzjonijiet tal-Kumitat.

(3) Kull meta l-Gvernatur ma jkunx jista', minħabba f'assenza, mard jew xi raġuni oħra, jaqdi l-funzjonijiet, id-dmirijiet u s-setgħat imsemmija f'dan l-artikolu, jew meta l-kariga tal-Gvernatur tkun vakanti, l-awtorità u r-responsabbilità vestiti fil-Gvernatur taħt is-subartikolu (1) għandhom, matul dik l-inkapaċità jew vakanza, ikunu vestiti fid-Deputat Gvernatur.

## TAQSIMA III

### DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI

Kapital u Riżervi. *Sostitwit: XXVI. 1994.11. Emendat: XVII. 2002.78; I. 2007.3, 18.*

**19.** (1) Il-kapital awtorizzat tal-Bank ikun ta' għoxrin miljun euro li jkun kollu mħallas għal kollox u miżmum esklussivament mill-Gvern.

(2) Il-Bank għandu jżomm Fond Ġenerali ta' Riserva li ma għandux ikun ta' inqas minn għoxrin miljun euro u li jkun disponibbli għal kull skop skond ma jista' jkun deċiż mill-Bord. Meta l-ammonti jittieħdu mill-Fond Ġenerali ta' Riserva, dawn għandhom jiġu sostitwiti, skond ma jista' jkun deċiż mill-Bord, mill-profitti tal-Bank li jsiru fis-snin sussegwenti.

Verifika. *Emendat: XVI. 1997.7; XVII. 2002.80; I. 2007.3, 19.*

**20.** Skond l-artikolu 27 ta' l-Istatut, il-kontijiet tal-Bank għandhom jiġu verifikati minn udituri esterni indipendenti nominati mill-Bord kif rakkomandat mill-Bank Ċentrali Ewropew u approvat mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Kontijiet annwali.
*Emendat:*
*XX. 1981.7;*
*XI. 1988.9;*
*XVII. 2002.81;*
*I. 2007.3, 20.*

**21.** (1) Is-sena finanzjarja tal-Bank tibda fl-ewwel ta' Jannar u tagħlaq fil-wieħed u tletin ta' Diċembru.

(2) Il-Bank għandu, kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tagħlaq is-sena finanzjarja tal-Bank, jibgħat lill-Ministru -

(*a*) kopja tal-kontijiet annwali awtentikati mill-udituri,

(*b*) dikjarazzjoni ta' l-investimenti tal-Bank; u

(*ċ*) rapport dwar l-operazzjonijiet tiegħu matul dik is-sena,

u għandu jippubblika r-rapport imsemmi fil-paragrafu (*ċ*).

(3) Il-Ministru għandu, kemm jista' jkun malajr u, relattivament għall-ħtieġa tal-paragrafu (*a*), mhux aktar tard mill-ewwel seduta tal-Kamra tad-Deputati wara is-sebgħa ta' April -

(*a*) jara li kopja tal-kontijiet annwali, u tad-dikjarazzjoni u tar-rapport imsemmija fuq titqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati; u

(*b*) jara li kopja tal-kontijiet annwali tal-Bank tiġi pubblikata fil-Gazzetta.

(4) Il-Bank għandu, kemm jista' jkun malajr wara l-aħħar ġurnata tax-xogħol ta' kull xahar, jagħmel u jippubblika prospett ta' l-attiv u tal-passiv tiegħu kif ikun fl-egħluq tan-negozju f'dik il-ġurnata. Kopja tal-prospett għandha tiġi mibgħuta lill-Ministru li għandu jara li tiġi pubblikata fil- Gazzetta.

(5) Il-Bank għandu jobdi r-regoli dwar il-kontijiet u r-rapporti kif jiġu mwaqqfa mill-Kunsill Regolatorju tal-Bank Ċentrali Ewropew taħt l-artikolu 26(4) ta' l-Istatut.

Kif jiġu stabbiliti u allokati profitti.
*Emendat:*
*X. 1968.2;*
*XIX. 1974.8.*
*Sostitwit:*
*XX. 1981.8.*
*Emendat:*
*XXXVIII. 1986.4;*
*XI. 1988.10;*
*XXVI. 1994.14;*
*XVII. 2002.82;*
*I. 2007.3, 21.*

**22.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-profitti netti tal-Bank ta' kull sena finanzjarja għandhom jiġu stabbiliti mill-Bank wara li titħallas in-nefqa kollha għal dik is-sena u wara li jsir dak il-provvediment kif jidhirlu xieraq għal krediti ineżiġibbli u dubbjużi, għal deprezzament fl-attiv, għal kontribuzzjonijiet għall-fondi tal-persunal u tal-pensjoni u għar-riservi u kontinġenzi l-oħra kollha.

(2) Wara li jsiru dawk l-allokazzjonijiet kif jiġi stabbilit mill-Bank taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-bqija tal-profitti netti stabbiliti kif intqal qabel għandhom jitħallsu lill-Gvern.

## TAQSIMA IV

## ĠBIR TA' INFORMAZZJONI

Ġbir ta' informazzjoni.
*Miżjud:*
*XVII. 2002.83.*
*Emendat:*
*I. 2007.3, 22.*

**23.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 36(2), il-Bank jista' jeħtieġ lil aġent li jirraporta kif imfisser fis-subartikolu (3) biex jipprovdi lill-Bank dik l-informazzjoni li l-Bank jidhirlu meħtieġa sabiex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att jew biex jimplimenta istruzzjonijiet jew linji ta' gwida maħruġa skond it-Trattat u l-Istatut, u l-Bank jista' jistħarreġ u jitlob kjarifiki dwar kull informazzjoni hekk provduta.

(2) Ikun id-dmir ta' kull aġent li jirraporta li hu meħtieġ li jipprovdi lill-Bank b'informazzjoni kif speċifikat fis-subartikolu (1), li jħares dik il-ħtieġa.

(3) Għall-fini ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu ta' wara, "aġent li jirrapporta" tista' tinkludi:

(*a*) istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju; Kap. 371.

(*b*) istituzzjoni finanzjarja liċenzjata taħt l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji; Kap. 376.

(*ċ*) persuna liċenzjata taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment; Kap. 370.

(*d*) persuna liċenzjata biex tmexxi kummerċ ta' l-assigurazzjoni taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni jew persuna reġistrata jew elenkata biex tmexxi attivitajiet ta' intermedjarji ta' l-assigurazzjoni taħt l-Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra; Kap. 403. Kap. 404.

(*e*) persuna li tkun ħarġet garanzija ta' dejn, u li ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju jew persuna liċenzjata taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Investiment; Kap. 371. Kap. 370.

(*f*) persuna li tkun aġixxiet bħala aġent dwar l-arranġament jew l-amministrazzjoni tal-ħruġ ta' garanzija ta' dejn, u ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu liċenzjata taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju jew persuna liċenzjata taħt l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Investiment; Kap. 371. Kap. 370.

(*g*) persuna li żżomm attivi u passivi ta' riserva jew li twettaq operazzjonijiet minn pajjiż għall-ieħor li l-Bank jistabbilixxi bħala rilevanti biex jiġbor statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti jew biex jistabbilixxi l-karta tal-bilanċ ta' l-istokk ta' attivi u passivi finanzjarji esterni għal Malta, xort'oħra msemmija bħala posizzjoni ta' investiment internazzjonali;

(*h*) *exchange* ta' investimenti rikonoxxuta taħt l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji; jew Kap. 345.

(*i*) kull persuna oħra li l-Bank jistabbilixxi, wara konsultazzjoni ma' dik il-persuna, li jkollha fil-pussess tagħha nformazzjoni rilevanti li fil-fehma tal-Bord tkun rilevanti biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(4) Ħlief kif provdut taħt it-Taqsima VIII ta' dan l-Att, informazzjoni miġbura taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun suġġetta għad-dmir tas-segretezza professjonali.

Ġbir ta' informazzjoni għal statistika.
*Miżjud: XVII. 2002.83. Emendat: I. 2007.3, 23; IV. 2007.17.*

**24.** (1) Il-Bank jista', skond it-Trattat u l-Istatut u l-linji direttivi u l-istruzzjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew, joħroġ direttivi li jipprovdu biex jiddefinixxu u jimponu ħtiġiet biex isiru rapporti għal statistika, biex jiġu stabbiliti *standards* ta' kif tintbagħat informazzjoni għal statistika u l-preċiżjoni tagħha u biex jispeċifikaw il-kondizzjonijiet li taħthom il-jedd għall-verifika u għall-ġbir obbligatorju ta' informazzjoni għal statistika jistgħu jitwettqu taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2).

(2) Il-Bank ikollu l-jedd li jivverifika l-preċiżjoni u l-kwalità ta' l-informazzjoni għal statistika mogħtija taħt is-subartikolu (1), u li jwettaq ġbir obbligatorju. Il-jedd li tkun verifikata informazzjoni għal statistika jew li jitwettaq il-ġbir obbligatorju tagħha jinkludi l-jedd li:

(*a*) jitlob is-sottomissjoni ta' dokumenti;

(*b*) jeżamina l-kotba u r-*records* ta' l-aġent li jirraporta;

(*ċ*) jieħu kopji jew estratti minn dawk il-kotba jew dawk ir-*records*; u

(*d*) jikseb spjegazzjonijiet bil-miktub jew verbali.

Kull riferenza għad-dokumenti, kotba jew *records* taħt dawn l-artikoli tinkludi riferenza għall-forma elettronika ta' kull dokument, ktieb jew *records* bħal dawk.

(3) Kull meta jidhirlu meħtieġ biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, il-Bank għandu jħejji u jippubblika dikjarazzjonijiet, jikkonsolida u, jew, jgħaqqad flimkien informazzjoni għal statistika mogħtija taħt dan l-artikolu u, meta meħtieġ, taħt l-artikolu 36(1).

(4) Meta aġent li jirrapporta, jikser jew jonqos li jħares ħtieġa biex jirrapporta taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 jew jonqos li jħares ħtieġa li tkun tinsab f'xi direttiva maħruġa taħt l-artikolu 24(1), il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jimponi sanzjonijiet kif stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2533/98 tat-23 ta' Novembru, 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## TAQSIMA V

### RELAZZJONIJIET MAL-GVERN

Konsulent tal-Gvern.
*Emendat: XVII. 2002.84.*

**25.** Il-Bank għandu jagħti parir lill-Gvern b'mod ġenerali fuq materji finanzjarji u ekonomiċi.

Bankier tal-Gvern.
*Emendat: XVII. 2002.85; I. 2007.24.*

**26.** (1) Il-Bank jista' jaġixxi bħala bankier tal-Gvern u jista' jiftaħ kontijiet għall-Gvern u jaċċetta depożiti minn għandu.

(2) Il-Bank jista' jiftaħ kontijiet għal u jaċċetta depożiti minn fondi, korporazzjonijiet u istituzzjonijiet kontrollati mill-Gvern jew imwaqqfin b'liġi u jista' jaġixxi bħala bankier għal kull fond, korporazzjoni u istituzzjoni tali.

**27.** (1) Il-Bank ma għandux jagħti *overdrafts* jew xi xorta oħra ta' faċilità ta' kreditu lill-istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità jew lill-gvern jew lil xi intrapriża pubblika jew korpi regolati bil-liġi amministrattiva, jew lil xi awtorità pubblika jew korporazzjoni li tkun proprjetà tal-gvern ta' kull Stat Membru, lanqas ma l-Bank għandu jixtri direttament l-istrumenti tad-dejn tagħhom.

Projbizzjoni ta' finanzjament tas-settur pubbliku. *Sostitwit: XXVI.1994.15; XVII. 2002.86. Emendat: I. 2007.25.*

(2) Istituzzjonijiet ta' kreditu kontrollati mill-Gvern għandhom jingħataw l-istess trattament bħal istituzzjonijiet ta' kreditu oħra dwar il-provvista ta' riservi.

**28.** Skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u b'konformità mad-dmirijiet u l-funzjonijiet tiegħu, il-Bank jista', b'mod ġenerali, jaġixxi bħala aġent tal-Gvern.

Bank bħala aġent tal-Gvern. *Sostitwit: XVII. 2002.86; I. 2007.26.*

**29.** Il-Bank għandu jżomm lill-Ministru informat dwar il-politika tal-Bank:

Informazzjoni lill-Ministru. *Emendat: I. 2007.3, 27.*

Iżda:

(*a*) dan ma għandux iwassal għal indħil fl-indipendenza tal-membri tal-korpi deċiżjonali tal-Bank;

(*b*) l-istatus speċjali tal-Gvernatur fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-Kunsill Regolatorju u l-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew jiġi rispettat; u

(*ċ*) l-obbligi ta' kunfidenzjalità li joħorġu mill-Istatut jiġu mħarsa.

## TAQSIMA VI

### RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU U DAWK FINANZJARJI

**30.** (1) Il-Bank jista' jaġixxi bħala bankier ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji f'Malta u jista' jiftaħ kontijiet għal dawk il-banek u istituzzjonijiet finanzjarji u jaċċetta depożiti minn għandhom.

Bankier ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji. *Sostitwit: XXIX. 1968.4. Emendat: XXVI. 1994.18; XVII. 2002.89; I. 2007.3.*

(2) Il-Bank jista' wkoll jiftaħ kontijiet u jagħmel depożiti f'istituzzjonijiet ta' kreditu.

**31.** Il-Bank jista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali jinnomina istituzzjoni ta' kreditu waħda oħra jew iżjed f'Malta biex jagħmluha ta' aġent tiegħu għall-ħruġ, ħruġ mill-ġdid, tibdil u rtir ta' biljetti tal-flus u ta' munita, jew għal skopijiet oħra, taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif jista' jkun miftiehem bejn il-Bank u kull waħda minn dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu l-oħra.

Istituzzjonijiet ta' kreditu oħra bħala aġenti. *Emendat: XVII. 2002.90; I. 2007.3.*

Depożiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mal-Bank. *Emendat: LVIII. 1974.68; A.L. 148 ta' l-1975; XXVI. 1994.20; XXIV. 1995.362; IX. 1997.4. Sostitwit: XVII. 2002.92. Emendat: III. 2004.91; I. 2007.3, 28.*

**32.** Skond it-Trattat u l-Istatut, istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jiġu mitluba biex ikollhom riservi minimi mal-Bank, u biex jirrappurtaw dwar dan.

Rati ta' imgħax ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji. *Emendat: LVIII.1974.68; A.L. 148 ta' l-1975; XXVI. 1994.21; XXIV.1995.362. Sostitwit: XVII. 2002.92. Emendat: I. 2007.3.*

**33.** Minkejja kull ħaġa li tinsab f'xi liġi oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jistgħu jistabbilixxu r-rata ta' mgħax li titħallas fuq depożiti miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mgħax li huma jistgħu jżommu fuq self, avvanzi u kull faċilità ta' kreditu oħra kif ukoll il-ħruġ ta' *debentures* jew *debenture stocks* jew strumenti oħra li joħolqu jew li jirrikonoxxu debitu.

## TAQSIMA VII

### SISTEMI TA' PAGAMENT

Sistemi ta' pagamenti. *Sostitwit: XVII. 2002.92. Emendat: III. 2004.90; I. 2007.3, 29.*

**34.** (1) Il-Bank għandu, skond it-Trattat u l-Istatut, jissorvelja u jirregola l-operat ta' u l-parteċipazzjoni fi, sistemi ta' pagamenti domestiċi kif ukoll kull xorta ta' operazzjonijiet ta' flus jew titoli, sew jekk domestiċi jew ma' barra, li jkun involut fihom, u jista' hu stess jistabbilixxi u jopera sistema ta' pagament bħal dik.

(2) Ebda persuna ma tista' torganizza, tistabbilixxi, topera jew tipparteċipa f'sistema ta' pagament domestiku kemm-il darba dik is-sistema ma tkunx approvata u awtorizzata mill-Bank.

(3) Kull persuna li tikser jew li tonqos li tħares id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u erbgħin elf euro jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Ebda proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (3) ma għandhom jinbdew mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

(5) Il-Bank jista' joħroġ direttivi dwar:

(*a*) kull wieħed mill-oġġettivi jew l-oġġettivi kollha msemmija fis-subartikolu (1) magħduda, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, ir-regolamentazzjoni ta' *clearing houses*, aġent dwar *settlement* u parteċipanti f'sistemi ta' pagament kif ukoll l-infurzar legali ta' ħlasijiet magħmula permezz ta' dawk is-sistemi u l-kollaterali li jingħata b'konnessjoni ma' l-operat ta' sistema ta' pagament bħal dik;

(*b*) servizzi ta' trasferiment ta' kreditu ma' barra l-pajjiz

provduti minn istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jew minn xi persuna li bħala negozju tesegwixxi trasferimenti ta' kreditu ma' barra l-pajjiz; u

(*ċ*) servizzi ta' pagament elettroniku, inklużi, iżda mhux limitati għal, servizzi għall-provvediment ta' karti ta' debitu u ta' kreditu u flus elettroniċi:

Iżda l-poteri tal-Bank li joħroġ direttivi taħt dan is-subartikolu għandhom jiġu eżerċitati skond it-Trattat, l-artikolu 22 ta' l-Istatut u kull regolament maħruġ taħt l-artikolu 22 ta' l-Istatut.

(6) Kemm-il-darba ma jkunx provdut xort'oħra fid-direttivi magħmula bis-saħħa tas-subartikolu (5), pagamenti, *set-off* jew *netting* magħmul permezz ta' jew f'sistema ta' pagament, magħdud kull kollaterali mogħti minn parteċipant in konnessjoni ma' xi sistema bħal dik, għandu, minkejja kull liġi oħra dwar falliment jew insolvenza jew ir-regolamentazzjoni u l-infurzar ta' kollaterali jew xort'oħra li tirregola l-validità ta' dawk il-pagamenti, *set-off* jew *netting* u l-għoti ta' kollaterali, ikun finali u jorbot lill-partijiet kollha tiegħu u ma jistax ikun attakkat jew impunjat f'xi qorti. Sal-limitu speċifikat mill-Bank f'direttivi msemmija hawn qabel, kull ordni ta' pagament, *set-off* jew *netting* magħmul permezz jew f'sistema ta' pagament minn parteċipant u kull kollaterali mogħti in konnessjoni ma' sistemi bħal dik ma għandhomx, minkejja kull liġi oħra kif intqal qabel, ikunu suġġetti għal mandat ta' sekwestru jew ta' qbid, lanqas għal mandat ta' inibizzjoni maħruġa fuq it-talba tal-kredituri tal-parteċipant.

(7) F'dan l-artikolu u f'kull direttiva maħruġa taħtu, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"parteċipant" tfisser kull persuna, inkluż il-Bank, li tipparteċipa f'sistema ta' pagament u tista' tinkludi parteċipant indirett approvat mill-Bank;

"sistema ta' pagament" jew "sistema" tfisser arranġament formali bejn tliet parteċipanti jew iktar b'regoli komuni u b'arranġamenti standardizzati, għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment bejn il-parteċipanti, inkluża *clearing house*, jew għall-konklużjoni ta' pagamenti dwar titoli, kif jiġi approvat mill-Bank, u tista' tinkludi pagament, *clearing*, *settlement*, *clearing* ta' titoli, *settlement* ta' titoli, *netting* u, jew sistema simili. Il-Bank jista' wkoll, fuq bażi ta' każ b'każ, jittratta bħala sistema ta' pagament dak l-arranġament formali bejn żewg parteċipanti meta l-Bank hekk jidhirlu meħtieġ fuq bażi ta' riskju sistemiku.

**35.** Kull persuna li: Appelli. *Miżjud: XVII. 2002.92. Emendat: I. 2007.3, 30.*

(*a*) tħossha aggravata b'deċiżjonijiet meħuda mill-bank taħt l-artikolu 34(2) jew taħt xi direttivi maħruġa taħt l-artikolu 34(5)(*a*);

(*b*) tkun parti f'xi kwistjoni dwar drittijiet u obbligi li jinqalgħu minn xi direttivi maħruġa taħt l-artikolu 34(5)(*b*) u (*ċ*); jew

(*ċ*) kellha xi penali amministrattiva mposta fuqha skond l-artikolu 56(1);

Kap. 330.

tista' tappella lit-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji mwaqqaf taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għal Servizzi Finanzjarji f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet kif stabbiliti taħt dak l-Att.

## TAQSIMA VIII

## RELAZZJONIJIET MA' L-AWTORITÀ KOMPETENTI

Tagħrif, eżami u rapportaġġ mill-awtorità kompetenti. *Miżjud: XXVI. 1994.22. Sostitwit: XVII. 2002.92. Emendat: I. 2007.3.*

**36.** (1) Il-Bank jista' jitlob lill-awtorità kompetenti biex tgħaddilu kull informazzjoni fil-pussess ta' jew aċċessibbli għall-awtorità kompetenti li l-Bank ikollu bżonn fil-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att jew xi Att ieħor.

(2) Il-Bank jista' bil-miktub jitlob lill-awtorità kompetenti biex teżamina, tivverifika u tissottometti rapport lill-Bank fuq kull ħaġa li l-Bank jista' b'mod raġonevoli jitlob fil-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att jew xi Att ieħor u l-awtorità kompetenti għandha tħares dik it-talba.

Informazzjoni lill-awtorità kompetenti. *Miżjud: XXVI. 1944.22. Sostitwit: XVII. 2002.92. Emendat: I. 2007.3, 32.*

**37.** (1) Il-Bank għandu jgħaddi lill-awtorità kompetenti kull informazzjoni fil-pussess ta' jew aċċessibbli għall-Bank meta jkun hekk mitlub mill-awtorità kompetenti fil-qadi ta' dmirijietha taħt xi liġi.

(2) Il-Bank għandu jiddiskuti ma' l-awtorità kompetenti ħwejjeġ li jkunu jinteressaw lit-tnejn li jkunu jirriżultaw mill-informazzjoni miġbura taħt l-artikolu 23.

Konfidenzjalità. *Miżjud: XXVI. 1994.22. Sostitwit: XVII. 2002.92. Emendat: I. 2007.3.*

**38.** Kull informazzjoni mibdula bejn il-Bank u l-awtorità kompetenti tkun suġġetta għad-dmir tas-segretezza professjonali.

## TAQSIMA IX

## RELAZZJONIJIET MA' ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U OĦRAJN

Parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet u f'pattijiet ta' ftehim. *Miżjud: IX. 2005.3. Emendat: I. 2007.3, 34.*

**39.** Skond it-Trattat u l-Istatut, il-Bank jista' jkollu ishma u jipparteċipa b'metodi oħra f'organizzazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali u jista' aktar minn hekk jipparteċipa f'pattijiet ta' ftehim internazzjonali ta' xorta monetarja, sal-limitu meħtieġ biex il-Bank ikun jista' jwettaq ħidmietu u dmirijietu taħt il-liġi u jissodisfa l-obbligi internazzjonali li jkollu.

Servizzi bankarji. *Miżjud: III. 2004.92. Emendat: I. 2007.3.*

**40.** Il-Bank jista' jiftaħ kontijiet u jipprovdi servizzi bankarji lil organizzazzjonijiet internazzjonali u oħrajn barra minn Malta, inklużi l-uffiċċji rappreżentattivi tagħhom f'Malta, skond ma jista' jkun meħtieġ biex jiġu mwettqa l-obbligi internazzjonali ta' Malta.

Kxif ta' informazzjoni. *Miżjud: III. 2004.92. Emendat: I. 2007.3, 35.*

**41.** Il-Bank jista', abbażi ta' xi ftehim internazzjonali jew meta jsir xi ftehim ta' reċiproċità, jew xort'oħra sabiex biex jiġu mwettqa l-obbligi internazzjonali tiegħu inklużi sitwazzjonijiet ta' instabbilità fis-sistema finanzjarja, jgħaddi informazzjoni li jkollu lil korpi, awtoritajiet u, jew organizzazzjonijiet internazzjonali u oħrajn, meta dan ikun meħtieġ biex iwettaq dmirijietu taħt il-liġi jew biex jiġu mwettqa l-obbligi internazzjonali tiegħu:

Iżda l-korpi, awtoritajiet u, jew istituzzjonijiet li jirċievu l-informazzjoni huma marbuta li jużaw dik l-informazzjoni unikament għal dawk il-finijiet skond ma jista' jkun speċifikament miftiehem mal-Bank:

Iżda wkoll dawk il-korpi, awtoritajiet u, jew istituzzjonijiet li lilhom tingħadda dik l-informazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal kull obbligu li ġġib magħha s-segretezza professjonali.

## TAQSIMA X

### FLUS

Hruġ ta' karti tal-flus euro. *Emendat: XIX. 1974.12; XI. 1988.12; XXVI. 1994.26; XVII. 2002.95; III. 2004.93; I. 2007.36.*

**42.** Il-Bank għandu joħroġ karti tal-flus euro skond l-Artikolu 106 tat-Trattat u l-artikolu 16 ta' l-Istatut.

Hruġ ta' muniti euro. *Emendat: XX. 1971.3; XI. 1988.13; XXVI. 1994.27; XVII. 2002.96; III. 2004.94; I. 2007.37.*

**43.** (1) Il-Bank għandu joħroġ muniti euro f'Malta. Fit-twettiq ta' dan, il-Bank għandu jaġixxi ta' aġent għall-Gvern.

(2) Il-volum ta' ħruġ ta' muniti euro f'Malta għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali Ewropew skond l-Artikolu 106 tat-Trattat.

Tifsir ta' biljett jew munita tal-flus. *Sostitwit: XVII. 2002.97. Emendat: III. 2004.95. Sostitwit: I. 2007.38.*

**44.** Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima, "biljett" jew "munita tal-flus" tfisser karti tal-flus euro jew muniti euro u kull biljett ieħor jew munita oħra tal-flus, imsejjaħ b'isem ikun li jkun, li jkun jew tkun valuta legali fil-pajjiż barra minn Malta fejn ikun ġie maħruġ jew tkun ġiet maħruġa.

Falsifikazzjoni u tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' flejjes. *Emendat: XXVI. 1994.28; III. 2004.96.*

**45.** (1) Kull min jiffalsifika xi biljett tal-flus jew imexxi biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat jista' jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sentejn u mhux iżjed minn disa' snin:

Iżda meta biljett tal-flus falsifikat jitmexxa minn persuna li tipprova li fiż-żmien li fih ġie f'idejha jew fil-pussess tagħha ma kienitx taf li kien falsifikat, il-piena tiġi ridotta għal żmien ta' priġunerija għal mhux anqas minn xahrejn u mhux iżjed minn tlett snin.

(2) Kull min jagħmel użu minn xi faċilitajiet jew materjal legali biex jimmanifattura xi biljett tal-flus bi ksur tad-drittijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom għandhom jintużaw dawk il-faċilitajiet jew dak il-materjal jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux inqas minn sentejn u mhux iżjed minn għaxar snin.

Pussess ta' biljetti tal-flus falsifikati.

**46.** Kull min mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) jixtri jew jirċievi mingħand xi persuna, jew ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn

tlettax-il xahar u mhux iżjed minn ħames snin.

Egħmil jew pussess ta' karta jew għodod għal falsifikazzjoni. *Emendat: XVII. 2002.98; III. 2004.97.*

**47.** Kull min mingħajr awtorità legali jew skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) -

(*a*) jagħmel, juża, jew xjentement ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu, xi karta maħsuba biex tixbaħ u biex tgħaddi bħala karta speċjali bħal dik provduta u wżata għall-egħmil ta' xi biljett tal-flus, jew xi karta speċjali tali,

(*b*) jagħmel, juża, jew xjentement ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu, xi tilar, forma jew strument biex jagħmel dik il-karta, jew biex jipproduċi f'dik jew fuq dik il-karta xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, jew disinji, partikolari għal u wżati f'xi karta tali jew fuqha,

(*ċ*) jagħmel inċiżjoni jew b'xi mod ieħor jagħmel fuq pjanċa, injam, ġebla jew materjal ieħor, jew jipproduċi f'forma elettronika jew diġitali xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, jew disinji, li l-istampar tagħhom jixbaħ għal kollox jew f'parti l-kliem, figuri, ittri, marki, linji, jew disinji, partikolari għal u wżati f'xi biljett tal-flus jew fuqu,

(*d*) juża jew xjentement ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu xi pjanċa, injam, ġebla, jew materjal ieħor, jew xi apparat ieħor ta' ħżin elettroniku jew diġitali li fuqhom xi kliem, ittri, figuri, marki, linji, jew disinji, ikunu ġew inċiżi, prodotti jew maħżunin f'forma elettronika jew diġitali, jew b'xi mod ieħor magħmula kif intqal qabel,

(*e*) juża jew xjentement ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu xi karta li fuqha xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, disinji, ologrammi jew komponenti oħra jkunu ġew stampati jew b'xi mod ieħor magħmula kif intqal qabel,

jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tlettax-il xahar u mhux iżjed minn ħames snin.

Mutilazzjoni u sfigurazzjoni ta' karti tal-flus euro. *Emendat: XXVI. 1994.29; I. 2007.39.*

**48.** Kull min mingħajr awtorità legali jew skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) jimmutila, jaqta', jqatta', jew jipperfora b'toqob, xi biljett tal-flus jew b'xi mod jisfigura xi biljett tal-flus b'kitba, stampar, tpinġija, jew b'timbrar fuqu jew billi jwaħħal jew iżid miegħu xi ħaġa ta' natura jew forma ta' reklam, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn mija u ħmistax-il euro.

Reati dwar muniti. *Emendat: XXVI. 1994.30; III. 2004.98.*

**49.** (1) Kull min jiffalsifika jew iħaffef il-piż jew iħażżen il-kwalità ta' xi munita jew idewwibha jew jintroduċi jew imexxi xi munita falza jew imħażżna meta jkun jaf li l-istess tkun falza jew imħażżna jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tlettax il-xahar u mhux iżjed minn disa' snin:

Iżda meta munita falsifikata jew imħażżna tiġi introdotta jew immexxija minn persuna li tipprova li fiż-żmien li fih ġiet f'idejha jew fil-pussess tagħha ma kienitx taf li l-istess kienet

falsifikata jew imħażżna, il-piena għandha tiġi ridotta għal żmien ta' priġunerija ta' mhux anqas minn xahrejn u mhux iżjed minn tlett snin.

(2) Kull min, mingħajr l-awtorità tal-Bank, jagħmel jew xjentement iżomm fil-pussess tiegħu xi konn jew strument ieħor jew makna esklużivament maħsuba għall-egħmil ta' muniti, jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn disa' xhur u mhux iżjed minn sentejn.

(3) Kull min jagħmel użu minn xi faċilitajiet jew materjal legali biex jimmanifattura muniti bi ksur tad-drittijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom għandhom jintużaw dawk il-faċilitajiet jew dak il-materjal jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux inqas minn tlettax-il xahar u mhux iżjed minn ħames snin.

Obbligu li jiġu konsenjati biljetti tal-flus u muniti foloz lill-Bank.
*Miżjud: XVII. 2002.99.*
*Sostitwit: III. 2004.99.*
*Emendat: I. 2007.3.*

**50.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, min ikollu għandu biljetti tal-flus jew muniti foloz ikun obbligat li jirtira miċ-ċirkolazzjoni dawk il-biljetti tal-flus jew muniti li huwa jkun jaf jew ikollu tassew għax jaħseb li dawn ikunu foloz, u għandu minnufih jikkonsenjahom lill-Bank.

(2) Kull biljett tal-flus jew munita li l-Bank, wara li jiflihom, ikun sab li huma foloz jistgħu jiġu meqruda jew isir xort'oħra minnhom b'dak il-mod u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bank jista' jiddeċiedi dwarhom.

(3) Jekk, filwaqt ta' proċedimenti kriminali, il-qorti tqis il-ħtieġa li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus jew muniti foloz, hija għandha qabel tikkonsulta mal-Bank u għandha, jekk u skond ma jista' jkun jeħtieġ il-Bank, tieqaf milli tordna l-qerda tagħhom u tgħaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus jew muniti lill-Bank biex jinflew minnu.

Riproduzzjoni ta' karti tal-flus euro.
*Miżjud: XXVI. 1994.31.*
*Emendat: XVII. 2002.99; III. 2004.100; I. 2007.3, 40.*

**51.** Minkejja kull disposizzjoni fl-artikoli ta' hawn fuq, f'ċirkustanzi ġustifikati il-Bank jista', skond id-disposizzjonijiet tad-Deċiżjoni BĊE/2003/4 ta' l-20 ta' Marzu 2003 u fejn jara xieraq, jagħti konferma li r-riproduzzjoni ta' karta tal-flus euro hija legali.

Ġurisdizzjoni fuq ħatjin barra minn Malta.
*Miżjud: III. 2004.101.*
*Emendat: I. 2007.3, 41.*

**52.** Min f'Malta ikun għamel xi reat minn dawk stipulati fl-artikoli 45 sa 49 barra minn Malta dwar l-euro, jista' jiġi akkużat u jitmexxa kontrih għal dawk ir-reati quddiem il-qrati f'Malta u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena stipulata taħt dawn l-artikoli bħallikieku dawn ir-reati kienu saru f'Malta.

Sejbien ta' ħtija li jkun sar qabel barra minn Malta.
*Miżjud: III. 2004.101.*
*Emendat: I. 2007.3, 42.*

**53.** Għandhom il-qrati f'Malta, meta jkunu qegħdin jagħtu piena lil xi ħati għal xi reat minn dawk stipulati fl-artikoli 45 sa 49, inklużi ċ-ċirkostanzi speċifikati taħt l-artikolu 52, u fil-każ meta r-reati jkunu dwar l-euro, iqisu kull sejbien ta' ħtija li jkun sar qabel u, jew piena mogħtija minn xi qorti barra minn Malta għal xi reat simili li dak il-ħati jkun għamel.

Ġbir ta' informazzjoni dwar falsifikazzjoni ta' karti tal-flus euro u muniti euro.
*Miżjud: III. 2004.101.*
*Emendat: I. 2007.3, 43.*

**54.** Għandu jkun hemm sezzjoni fil-Bank li jkollha r-responsabbiltà unika f'Malta li tanalizza karti tal-flus euro u muniti euro suspettati bħala foloz skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 fejn jingħataw miżuri meħtieġa għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-falsifikazzjoni, skond ma jista' jkun sussegwentement emendat, u li jagħmel kull ħidma jew iwettaq kull dmir konsegwenzjali għal dan.

Sanzjonijiet dwar midalji u *tokens* li jixbħu l-muniti euro.
*Miżjud: IX. 2005.4.*
*Emendat: I. 2007.3, 44.*

**55.** (1) Kull min, ħlief jekk dan ikollu l-awtorità tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, jipproduċi, ibiegħ, jimporta jew iqassam għal skopijiet ta' bejgħ jew għal skopijiet kummerċjali oħra midalji u *tokens* li jixbhu l-muniti euro -

(*a*) li jkollhom il-kliem "euro" jew "euro cent" jew is-simbolu ta' l-euro jidhru fuqhom; jew

(*b*) li d-daqs tagħhom jaqa' taħt il-faxxa ta' riferenza murija fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2182/2004 dwar midalji u *tokens* li jixbħu l-muniti euro; jew

(*ċ*) li jkollhom fuqhom xi disinn li jkun jixbaħ id-disinn nazzjonali li hemm fuq in-naħa ta' quddiem, jew id-disinn komuni ta' fuq in-naħa ta' wara tal-muniti euro, jew li jkunu identiċi jew jixbħu d-disinn tax-xifer tal-munita taż-żewġ euro,

ikun ħati ta' reat u jista', meta jinstab ħati, jeħel multa ta' mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf euro, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Dawn li ġejjin għandhom ikunu midalji jew *tokens* eżenti:

(*a*) midalji u *tokens* li jkollhom fuqhom il-kliem "euro" jew "euro cent" jew is-simbolu ta' l-euro mingħajr valur nominali assoċjat sakemm id-daqs tagħhom ma jkunx joħroġ 'il barra mill-faxxa ta' riferenza;

(*b*) midalji u *tokens* li d-daqs tagħhom ikun ġol-faxxa ta' riferenza u li:

(i) jkunu mtaqqbin fin-nofs b'toqba usa' minn sitt millimetri, jew meta l-forma tagħhom tkun waħda poligonali iżda li tkun limitata għal sitt faċċati, iżda għandhom ikunu skond il-kondizzjoni taħt is-subartikolu (3)(*b*); jew

(ii) ikunu magħmulin minn taħlit ta' metal li fihom id-deheb, il-fidda u l-platinu b'finezza milleżimali ta' iżjed minn 375, 500 u 850 rispettivament; jew

(iii) ikunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subartikolu (3).

(3) Il-kondizzjonijiet msemmija fis-subartikolu (2)(*b*)(iii) huma dawn li ġejjin:

(*a*) it-tagħqid ta' dijametru u ħxuna tax-xifer tal-midalji u *tokens* ikunu konsistentement 'il barra mill-meded definiti f'kull wieħed mill-każijiet imfissra fil-punt 2

ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2182/2004 dwar midalji u *tokens* li jixbħu l-muniti euro; u

(*b*) it-tagħqid ta' dijametru u propretajiet tal-metall tal-midalji u *tokens* ikunu konsistentement 'il barra mill-meded kif definiti f'kull wieħed mill-każijiet mfissra fil-punt 3 ta' l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2182/2004 dwar midalji u *tokens* li jixbħu l-muniti euro.

(4) F'dan l-artikolu:

"faxxa ta' riferenza" tfisser il-ġemgħa tat-tagħqid kollu bejn il-valuri għad-dijametru u l-valuri tal-ħxuna tax-xifer li huma inklużi fil-medda ta' riferenza għad-dijametru u l-faxxa ta' riferenza għall-ħxuna tax-xifer rispettivament;

"medda ta' riferenza għad-dijametru" hija dik bejn 19.00 millimetru u 28.00 millimetru; u

"medda ta' riferenza għax-xifer" hija dik inkluża bejn 7.00% u 12.00% ta' kull valur fil-medda ta' riferenza għad-dijametru.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal-muniti u *tokens* li jkunu ħarġu qabel is-6 ta' Diċembru 2004.

## TAQSIMA XI

## ĠENERALI

Penalitajiet amministrattivi. *Miżjud: XVII. 2002.100. Emendat: III. 2004.102; I. 2007.3, 45.*

**56.** (1) Il-Ministru jista' b'regolamenti jipprovdi għal penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu mposti u miġbura mill-Bank mingħajr rikors għal smigħ minn qorti:

Iżda penalità amministrattiva ma għandhix tkun ikbar minn tlieta u għoxrin elf euro:

Iżda wkoll il-Ministru ma jistax joħroġ regolamenti li jipprovdu għal penalitajiet u, jew sanzjonijiet fejn regolamenti li jipprovdu għal penalitajiet u, jew sanzjonijiet simili nħarġu mill-Bank Ċentrali Ewropew taħt it-Trattat u l-Istatut.

(2) Bla ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-Ministru jista' b'dawk ir-regolamenti jippreskrivi penalitajiet amministrattivi dwar dan li ġej biss:

(*a*) meta parteċipant f'sistema ta' pagament jikser jew jonqos li jħares ħtieġa li tkun tinsab f'xi direttiva maħruġa taħt l-artikolu 34;

(*b*) meta persuna tikser jew tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 50 biex tirtira miċ-ċirkolazzjoni biljetti tal-flus u muniti u tikkonsenjahom lill-Bank;

(*ċ*) fuq xi korp magħqud meta r-reati msemmija fl-artikoli 45 sa 49 isiru biex dawn jiksbu benefiċċju minn persuna, li tkun qed taġixxi sew individwalment sew bħala parti minn organu tal-korp magħqud u li jkollha pożizzjoni għolja fi ħdan il-korp magħqud, abbażi ta'-

(i) poter ta’ rappreżentanza tal-korp magħqud, jew

(ii) awtorità li tiddeċiedi f’isem il-korp magħqud, jew

(iii) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna legali,

jew meta dik il-persuna tgħin jew taġixxi f’kompliċità fl-għemil ta’ dak ir-reat jew fit-tentattiv ta’ għemil ta’ kull reat bħal dak; u

(*d*) fuq kull korp magħqud meta n-nuqqas ta’ superviżjoni jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu (*ċ*) tkun għamlet possibbli l-għemil ta’ reat imsemmi fl-istess paragrafu sabiex jinkiseb benefiċċju minn dak il-korp magħqud minn persuna li tkun taħt l-awtorità tiegħu.

Ġbir ta’ penalitajiet amministrattivi.
*Miżjud: XVII. 2002.100.*
*Emendat: I. 2007.3, 46.*

**57.** (1) Meta bis-saħħa ta’ regolamenti magħmula taħt l-artikolu 56, il-Bank jimponi penali amministrattiva, dan għandu jinnotifika lill-persuna li fuqha tkun imposta l-penali bil-mezz ta’ avviż bil-miktub.

(2) Meta penali amministrattiva tkun imposta fuq aġent li jirrapporta dwar xi ksur tad-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 56(2)(*a*), dik il-penali tkun bla ħsara għall-obbligu ta’ l-intrapriża li tħallas l-ispejjeż tal-verifika, u, jew tal-proċedura għall-ġbir obbligatorju, skond il-kaz.

(3) Meta avviż li jimponi penali amministrattiva jkun notifikat lil xi persuna u:

(*a*) dik il-persuna ma tappellax lit-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji (hawnhekk iżjed ’il quddiem f’dan l-artikolu msejjaħ "it-Tribunal") skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 35 u tonqos li tħallas lill-Bank il-penali amministrattiva fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta’ dak l-avviż; jew

(*b*) dik il-persuna tappella lit-Tribunal u tonqos li tħallas lill-Bank il-penali amministrattiva kif konfermata jew imnaqqsa mit-Tribunal fi żmien ħmistax-il jum mid-deċiżjoni tat-Tribunal;

f’kull każ bħal dan, il-Bank ikollu d-dritt li jiġbor is-somma dovuta bħala dejn ċivili u d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandhom japplikaw.

(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) jew skond il-każ, deċiżjoni tat-Tribunal għandhom, man-notifika ta’ kopja tagħhom b’att ġudizzjarju lill-persuna indikata fl-avviż jew fid-deċiżjoni tat-Tribunal, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv għall-fini tat-Titlu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

*Bye-laws.*
*Sostitwit: XVII. 2002.100.*
*Emendat: I. 2007.3.*

**58.** Il-Bord jista’ jagħmel *bye-laws* li ma jkunux inkonsistenti ma’ dan l-Att, għall-bonordni u l-amministrazzjoni tal-Bank.

**59.** Il-Bank għandu jkun eżentat mill-ħlas tat-taxxa tad-dħul u dazju tal-boll fuq dokumenti u trasferimenti skond kull liġi li hi fis-seħħ.

Eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul u dazju tal-boll fuq dokumenti u trasferimenti. *Sostitwit: XXVI. 1994.34. Emendat: I. 2007.3.*

**60.** Il-Ministru jista', permezz ta' regolamenti, jemenda l-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Att.

Setgħa biex joħroġ regolamenti. *Miżjud: I. 2007.47.*

**61.** (1) Riferenza f'xi liġi għar-rati ta' skont u, jew interessi uffiċjali tal-Bank għandha tkun riferenza għar-rati indikattivi ta' mgħax tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Rati ta' referenza. *Miżjud: I. 2007.47.*

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "rati indikattivi ta' mgħax" tfisser ir-rati ta' interess li jirriflettu l-formulazzjoni tal-*policy* monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew.

## TAQSIMA XII

### DISPOSIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI DWAR IL-LIRA MALTIJA

**62.** (1) Wara li jingħata avviż kif imiss mill-Ministru fil-Gazzetta, il-Bank ikollu s-setgħa li jiġbor kull biljett tal-flus bil-lira Maltija wara ħlas ekwivalenti tal-valur nominali tiegħu fl-euro, u kull biljett tal-flus tali għandu jkun jista', sa għaxar snin wara l-għeluq tal-perijodu msemmi fl-avviż iżda bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), jiġi mifdi mill-Bank fuq talba għall-flus maqlubin fl-euro bir-rata tal-lira Maltija għall-euro stabbilita skond it-Trattat u mingħajr ebda ħlas.

Biljetti tal-flus. *Miżjud: I. 2007.48.*

(2) Ħadd ma jkun jista' jifdi mill-Bank il-valur ta' xi biljett tal-flus bil-lira Maltija mitluf, misruq, mutilat jew imperfett. Iċ-ċirkostanzi li fihom u l-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li taħthom ikun jista' jiġi mifdi b'konċessjoni l-valur ta' biljetti ta' flus fil-lira Maltija mitlufa, misruqa, mutilata jew imperfetta għandhom ikunu fid-diskrezzjoni assoluta tal-Bank.

(3) Meta tgħaddi sena wara li jiskadi l-perjodu msemmi fl-avviż li jsejjaħ lura l-ġbir ta' biljetti tal-flus taħt is-subartikolu (1), kull biljett tal-flus bil-lira Maltija hekk imsejjaħ lura iżda li ma jiġix ippreżentat biex ikun mifdi għandu jtemm milli jibqa' jiġi inkluż fil-passiv monetarju tal-Bank, u l-valur ta' dawk il-biljetti tal-flus, wara li jitnaqqas minnhom il-valur tan-noti kollha li sussegwentement jiġu mifdija, għandu jitqassam mal-profitti tal-Bank tul il-perjodu li jkun fadal biex jagħlaq il-perijodu ta' għaxar snin speċifikat taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(4) Meta jagħlaq il-perjodu ta' għaxar snin speċifikat taħt is-subartikolu (1), id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 45 sa 50 u ta' l-artikolu 54 għandhom ikunu japplikaw ukoll għall-biljetti tal-flus fil-lira Maltija.

(5) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "biljetti tal-flus fil-lira Maltija" tfisser il-biljetti tal-flus li kienu valuta legali f'Malta qabel l-introduzzjoni ta' l-euro.

Muniti.
*Miżjud:*
*I. 2007.48.*

**63.** (1) Wara li jingħata avviż kif imiss mill-Ministru fil-Gazzetta, il-Bank ikollu s-setgħa li jiġbor kull munita fil-lira Maltija wara ħlas ekwivalenti tal-valur nominali tagħha fl-euro u kull munita tali għandha, sa sentejn wara l-għeluq tal-perjodu msemmi fl-avviż iżda bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u dejjem sakemm dik il-munita ma tkunx ġiet imbagħbsa, tiġi mifdija mill-Bank fuq talba għall-muniti maqlubin fl-euro bir-rata tal-lira Maltija għall-euro stabbilita skond it-Trattat u mingħajr ebda ħlas.

(2) Ħadd ma jkun jista' jifdi mill-Bank il-valur ta' xi munita fil-lira Maltija mitlufa, misruqa, mutilata jew imperfetta. Iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet li taħthom dak il-valur jista' jiġi mifdi b'konċessjoni jkunu fid-diskrezzjoni assoluta tal-Bank.

(3) Meta jgħaddu sitt xhur mit-tmiem tal-perijodu msemmi fl-avviż li jsejjaħ lura l-ġbir ta' kull munita taħt is-subartikolu (1), kull munita bil-lira Maltija hekk imsejħa lura iżda li ma tiġix ippreżentata biex tkun mifdija ma tibqax tiġi inkluża fil-passiv monetarju tal-Bank, u l-valur ta' dawk il-muniti, wara li jitnaqqas minnhom il-valur tal-muniti kollha li sussegwentement jiġu mifdija, għandu jitqassam mal-profitti tal-Bank tul il-perjodu li jkun fadal biex jagħlaq il-perjodu ta' sentejn speċifikat taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(4) Sa meta jagħlaq il-perjodu ta' sentejn speċifikat taħt is-subartikolu (1), id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 45 sa 50 u ta' l-artikolu 54 għandhom ikunu wkoll japplikaw għall-muniti bil-lira Maltija.

(5) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "muniti bil-lira Maltija" tfisser il-muniti li kienu valuta legali f'Malta qabel l-introduzzjoni ta' l-euro.

SKEDA
(Artikolu 2)

*Miżjuda: I. 2007.50.*

- Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371);
- Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376);
- Att dwar is-Servizzi ta' Investiment (Kap. 370);
- Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Kap. 403);
- Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni (Kap. 487);
- Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345)